MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2006

Numru 287/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Bonello)**

**vs**

**Lydon Grech**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Lydon Grech ta' 19 il-sena bin David u Shirley nee' Cassar imwieled Pieta' fil-05/07/1986 u joqghod 32, Triq il-Kunvent, Birgu li ghandu karta ta' l-identita numru 305686(M) gie akkuzat:

Talli fis-26 ta' Marzu 2006 ghall-habta tal-11.50 P.M. gewwa l-isptar San Luqa, Pieta' bil-hsieb li jaghmel offizi

ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Warren Magri wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni ta’ dan id-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta tieghu;

Talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra membri tal-korp tal-Pulizija persuni inkarigati minn servizz pubbliku filwaqt li huma kienu qed jagixxu ghall-ezekuzzjoni ta’ dan is-servizz jew ordni moghti skond il-ligi minn awtorita kompetenti;

Talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkonstanzi ikkaguna griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ P.C. 1235 W. Magri skond kif iccertifika Dr. A. Cassar Gheiti M.D.;

Talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta’ awtorita’ jew ta’ wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkel lill-W.P.S. 45 M. Bartolo waqt il-qadi ta’ dmirijietha;

Talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes, ghajjat jew b’mod iehor;

Talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi hebb b’oggett iebes (flixkun) kontra l-imsemmi Warren Magri.

Il-Qorti giet mitluba li minbarra li taghti l-piena skond il-ligi, torbot lill-imsemmi Lydon Grech b’garanzija biex ma jimmolestax lill-imsemmi Warren Magri.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali ppresentat bhala Dok CSH u nnutat li l-imputat, wara li nghata zmien biex iwiegeb, iddikjara li m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi deciz minn din il-Qorti, u konsegwentement il-proceduri jinstemghu bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta ta’ llum l-imputat fil-presenza tal-avukat difensur tieghu Dr Noel Camilleri ddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat fil-presenza tal-avukat difensur tieghu Dr Noel Camilleri rega’ wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 41(1)(a), 214, 216, 96, 221(1), 338(ee), 338(m), 339(1)(b) u 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Lydon Grech, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali netta tal-imputat u l-eta’ tenera tal-imputat, inkwantu ghall-ewwel (1) akkuza, it-tieni (2) akkuza u it-tielet (3) akkuza tillibera lill-istess imputat Lydon Grech taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum, inkwantu ghar-raba’ (4) akkuza tikkundanna lill-istess imputat Lydon Grech ghall-piena ta’ hamsa u ghoxrin Liri Maltin (Lm25) ammenda, inkwantu ghall-hames (5) akkuza tikkundanna lill-istess imputat Lydon Grech ghall-piena ta’ hamsa u ghoxrin Liri Maltin (Lm25) ammenda u inkwantu ghas-sitt (6) akkuza tikkundanna lill-istess imputat Lydon Grech ghall-piena ta’ hamsa u ghoxrin Liri Maltin (Lm25) ammenda.

Inoltre, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, torbot lill-imputat Lydon Grech b’obbligazzjoni personali ta’ mitt Liri Maltin (Lm100) li jzomm il-kwiet ma’ l-istess Warren Magri u li jzomm il-bonordni pubbliku ma’ kulhadd ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Lydon Grech l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------